# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 277/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jesmond Mizzi**

Illum 11 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Jesmond Mizzi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 383974M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu, 2016 u it-13 ta' Awwissu, 2016, gewwa garaxx bla isem biswit ir-residenza Joelin Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq:

1. Ghamel xoghol minghajr liccenzja tal-awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolament met ahdem ta' mastrudaxxa go dan il-garaxx.
2. Talli gab ruhu b'mod li ta' fastidju lill-Joseph Micallef, meta kien jaf jew messu kien jaf li dan huwa ta' fastidju ghalih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali,

tas-6 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti fil-konfront tal-imputat sabet illi tirrizulta l-ewwel akkuza u wara li rat l-avviz legali 1/2006 ikkundannatu €116. Irrizultat wkoll it-tieni, stante pero' li l-imputat waqqaf minn jeddu u bhala sens ta' bon vicinat li jaghmel 'spraying' u sab fond alternattiv biex ikompli fix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa, illiberatu bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 ghal-tlett snin, wara li rat l-artikolu 251A(a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jesmond Mizzi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi;
2. Alternattivament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, fl-ghoti ta-sentenza taghha din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha, taghmel kwalunkwe rakomandazzjoni idoneja u/jew taghti kwalunkwe provvediment xieraq u opportun lill-awtoritajiet kompetenti jew min minnhom sabiex l-appellant ma jitlifx l-impieg tieghu mal-Forzi Armati ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant Jesmond Mizzi li huma is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, jigi umilment sottomess li l-appellant kien diga' nstab hati mill-istess Qorti dwar reati identitci li kienu jkopru l-gurnata tat-22 ta' Marzu, tal-2016. Meta nhargu l-akkuzi l-godda fil-konfront tal-appellant, u cioe' l-akkuzi odjerni, dik l-istess data tat-22 ta' Marzu, 2016 regghet giet indikata fl-istess akkuzi. Illi ghalhekk l-imputat appellant eccepixxa n-*ne bis in idem* quddiem l-ewwel Qorti pero' din l-eccezzjoni ma ntlaqghetx minhabba li skont dik l-istess Qorti l-akkuzi odjerni jirreferu wkoll "ghall-granet sussegwenti". Issa mill-affidavit redat minn PC1321 Eman Hayman u li jinsab fl-atti tal-proceduri odjerni, minn imkien ma jirrizulta', jew jissemma l-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu, 2016 sat-13 ta' Awwissu, 2016. Meta quddiem l-ewwel Qorti xehd il-parte civile, Joseph Micallef, dan l-anqas ma ghamel l-

ebda referenza għall-perjodu indikat fl-akkuzi izda rega' semma biss id-data tat-22 ta' Marzu, tal-2016, liema data, kif diga' gie sottomess, l-appellant kien diga' nstab hati precedentement. Terga u tghid, fis-sentenza appellata minn imkien ma jirrzulta jew hemm xi referenza ghax-xhieda ta' Joseph Micallef. Illi ghaldaqsant l-esponent appellant ma jistax jifhem kif huwa nstab hati tal-akkuzi kif dedotti meta se mai, l-unici provi li ngabu quddiem l-ewwel Qorti kienu jirreferu biss ghal-data li dawrha fil-passat kien diga' nghata sejbien ta' htija fil-konfront tal-esponent appellant.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel aggravju, meta Joseph Micallef xehed quddiem l-ewwel Qorti u gie muri sett ta' ritratti li jinsabu esebiti fl-atti processwali, huwa ma setax jidentifika liema kien jew liema huwa l-garaxx li minnhu huwa kien qieghed jallega li qieghdha ssir l-attivita minnu lamentata da parti tal-appellant. Illi ghalhekk, in linea mal-insenjment li dejjem gie mhaddan mill-Qrati taghna *in dubbio pro reo*, l-appellant ma kellux jinstab hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Dan iktar u iktar meta wiehed jikkunsidera li fid-dintorni ta' fejn jghix is-Sur Joseph Micallef hemm diversi garaxxijiet li minnhom johorgu rwejjah u jsir l-istorbju.

3. Illi permezz tat-tielet aggravju tieghu, dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-appellant jixtieq umilment jappella ghall-klemenza ta' din l-Onorabbli Qorti. L-appellant huwa bombardier mal-Forzi Armati ta' Malta u ilu f'din il-kariga ghal-aktar minn tnejn u ghoxrin sena. Huwa wkoll missier li ghandu mara u tlett itfal xi jmantni u fil-kaz ta' sejbien ta' thija fil-proceduri odjerni, hemm ir-riskju fondat li huwa jitlef l-impieg tieghu, bil-konsegwenzi kollha li dan ser igib fuqu u fuq familtu. Illi l-ispiertu tal-gustizzja jiddetta wkoll li Qorti tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkollha quddiemha, li allura jinkludi wkoll ic-cirkostanzi tal-persuna li jkollha quddiemha dik il-Qorti - u l-Qrati taghna fil-fatt dejjem haddnu dan il-principju fis-sentenzi taghhom. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u kif ukoll dawk tal-appellant u familtu, l-appellant umilment jitlob li jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravju precedenti tieghu u

tikkonferma s-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu, issir rakkomandazzjoni mill-istess Onorabbli Qorti sabiex l-appellant ma jitlifx l-impieg tieghu mal-Forzi Armati ta' Malta.

Illi dawn il-aggravji qed isiru minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-kwalunkwe aggravju iehor rilevanti li jaf talvolta jkun idoneju, xiraq u necessarju waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-umli rikors tal-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha.

Ikkunsidrat,

Illi PC 1321 Eman Hayman xehed permezz ta' affidavit mahluf nhar it-13 ta' Settembru, 2016, liema affidavit jinsab esebit fl-atti a fol 2. Jinghad li fit-13 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta tal-11.00a.m waqt li kien xoghol fl-ghasa tal-pulizija taz-Zejtun bejn il-5.00a.m. u 1.00p.m. dahal jirraporta l-ghassa taz-Zejtun Joseph Micallef minn Hal Ghaxaq.

Jghid li is-Sur Micallef ried jghamel rapport kontra l-appellant peress li skond hu dan Mizzi kien qed jopera bhala Mastrudaxxa f'garaxx li skond Joseph Micallef ma kellux permess jahdem fih u kien qed jghamel diversi storbju kif ukoll johloq diversi irwejjah ta' 'spray' liema fastidju kienu qed idejquh peress li d-dar tal-kwerelanti hi biswit il-garaxx tal-appellant.

Joseph Micallef stqarr li l-appellant baqa' jtih fastidju minhabba ir-riha ta' zebgha u l-istorbju. Qal ukoll li minkejja li ma baqghax jaghti 'spray' lil ghamara gewwa dan il-garage Jesmond kien qed jizboh l-ghamara band ohra imbaghad igib l-ghamara

mizbugha gewwa l-garage b'konsegwenza li r-riha xorta qieghda tidhol fir-residenza tieghu.

Mid-data tat-13 ta' Awwissu, 2016 sal-gurnata tal-24 ta' Awwissu, 2016 kienu saru diversi tentattivi sabix jigi mitkellem l-appellant gewwa dan il-garage li kien qed ikun maghluq u ghalhekk kien sar ftehim mal-appellant sabiex jirraporta l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun nhar l-24 ta' Awwissu, 2016. Dan mar u spjega illi kien qed jghamel uzu mill garage tieghu izda kien qed jaghmel l-ghalmu tieghu li jnaqqas dan il-fastidju ta' storbju u sahansitra ma baqghax jaghti 'spray' l-ghamara peress li kien qed ighamel ix-xoghol gewwa fond iehor. Qal ukoll li hu kien ghal dawn l-ahhar hmistax-il jum shut down u ma kienx resaq lejn l-garage.

**Joseph Mciallef** xehed quddiem din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2018 u kkonferma li kien ghamel rapport fil-konfront tal-appellant minhabba li kien qed ibaghti minn fastidju minhabba r-riha ta' spray ta' l-ghamara. Spjega illi huwa jghix fi Triq Guzepp Demicoli, Hal Ghaxaq u ftit 'l isfel minnu l-appellant ghandu garage li fih jahdem bhala mastrudaxxa. Qal li meta kien jiftah il-garage kien jisma hafna hsejjes u ixomm riha qawwija ta' spray. Mistqosi meta ghamel ir-rapport fil-konfront tal-appellant ighid li ma jiftakarx pero' zgur li snin ilu. Jghid li lil martu li illum hi mejta kien qeridha ghaliex lanqas ma setghet tohrog tonxor fuq it-terrazin minhabba r-riha ta' l-ispray. Qal li kien jisprejja darbtejn jew tlieta fil-gimgha minn filghodu sa filghaxija. Dan mhux f'okkazzjoni wahda izda ghal-perijodu ta' hames snin. Qal li ll imputat jafu bhala Jesmond Farrugia u jaf ukoll li ghandu l-lavranti tieghu.

In kontro esami ighid li fil-vicinanzi hemm mastrudaxxa iehor u wara d-dar fejn joqghod appogg mieghu salv ghal xi sigar tal-bajtar hemm mandra bil-bhejjem. Mistqosi kemm hemm bhejjem jghid li hemm mal madwar 30 jew 40. Mistoqsi jekk il-bhejjem ghandhom xi riha jghid li din ir-riha ma ddejqux. Huwa l-ispray li jdequ biss. Qal li jaf li hemm mastrudaxxa iehor izda qatt ma rah jisprejja. Ir-riha taffettwah minn wara u mhux minn quddiem. Tidhol minn got-twieqi tieghu. Muri ir-ritratt a fol 6 indika fejn hi d-dar tieghu u l-garage inkwistjoni li bejniethom hemm

biss numru ta' garaxxijiet. Qal li meta ma jkunx hemm zibel ma jkunx hemm riha. Fil-fatt jghid li darba kul tant ikun hemm l-irwejjah.

**L-appellant Jesmond Mizzi** xehed minn jeddu u b'mod volontarju u stqarr li huwa jahdem bhala suldat ma l-Armata ta' Malta u ghalhekk jahdem bhala mastrudaxxa part time. Jghid li jahdem fil-garage part time u jghamel xoghol ghalih u ghal haddiehor pero' dak in-nhar tal-incient kien qed jghamel xi xoghol ghat-tifla tieghu. Jghid ukoll li pero' minn dan il-garage kien ilu nieqes erbgha snin u qed jahdem minn Industrial stat tal-Qrendi. Jghid li jaf li kienu baghtu ghalih l-ghassa u kien qalilhom li kien jisprejja pero' qallhom ukoll li kien ilu bis-shut down ghal-hmsitax il-jum dakinhar li baghtu ghalih.

Qal li fil-vicnanzi hemm mastrudaxxa iehor u dan jisprejja. Qal ukoll li wara l-garage tieghu hemm mandra b'irwejjah kbar. Ikkonferma li f'Awwissu, 2016 kien gja qed jahdem regolarment mill-Qrendi u jisprejja hemm. Cahad li f'Awwissu, 2016 kien qed jisprejja minn Hal Ghaxaq.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda u cio'e fuq dak li ddepona x-xhud tal-Prosekuzzjoni waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti hija f'posizzjoni favorevoli sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex semghet ix-xhieda principali u ghalhekk setghet taghmel apprezament ahjar tal-agir u komportament taghhom, setghet tikkontrolla il-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotta quddiemha.

Intqal li "fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun iggwidata

minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima “actore non probante reus absolvitur”.

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza', ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap 9 u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda kienetx imsahha minn xhieda ohra u tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi jinghad *ab initio* li dak li l-appellant setgha qal lill-ufficcjal investigattiv minghajr ma inghata id-dritt tighu li jkun asssitit minn avukat mhux ser jigi meqjus bhal parti mill-provi u ghalhekk ser jigi skartat in toto.

Il-Qorti ghalhekk sejra tistrieh biss u principalment fuq dak li qal il-kwerelant kif spjegat lill-ufficcjal investigattiv meta ppresenta r-rapport tieghu u ix-xhieda moghtija mill-appellant viva voce l-Qorti. Sejra tara min miz-zewg xhieda ghandu iktar mis-sewwa u kien l-iktar konsistenti u affidabbli fic-cirkotanzi odjerni.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat talli ghamel xoghol ta' mastrudaxxa minghajr licenzja ta' l-awtroita' kompetenti meta il-licenzja hija mehtiega mill-ligi

jew minn regolament meta hadem ta' mastrudaxxa fi Triq San Guze' Demicoli Ghaxaq u dan bejn il-perijodu tat-2 ta' Marzu, 2016 u t-13 ta' Awwissu, 2016.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant ecepixxa l-eccezzjoni preliminari ta' *ne bis in idem* u dan peress li kien instab hati ta' reati identici li kienu ikopru l-gurnata tat -22 ta' Marzu, 2016 meta inhargu l-akkuzi l-godda fil-konfront tal-appellant u dik l-istess data regghet giet indikata fl-istess akkuzi. Jinghad li sabiex tirnexi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* kif msitqarr fis-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Eugenio Said**[1] l-ewwel haga li ghandha ssir hi li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha tkun qed tigi bbazata dik l-ecezzjoni u ghandu jirrizulta wkoll mill-korp tas-sentenza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni li takkolji dik l-eccezzjoni.

Illi fil-proceduri ma hemm xejn minn dan u ghalhekk din il-Qorti zgur li ma tistax takkolji eccezzjoni bhal din.

Fit-tieni lok l-appellant stqarr li l-kwerelanti ma kienx kapaci jidentifika' l-garage tal-appellant. Dan mhu' veru xejn ghaliex quddiem din il-Qorti meta gie muri r-ritratt esebit fl-atti a fol. 6 mhux talli identifika' l-garage in kwisjtoni izda ghamel sinjal hdejh u identifika wkoll id-dar residenzjali tieghu fl-istess triq.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel akkuza jinghad li xehed l-appellant minn jeddu u b'mod volontarju u stqarr li huwa minnu li huwa jahdem part time bhala mastrudaxxa u li sa ftit ta' snin ilu kien opera minn dan il garage fi triq Guzeppi Demicoli pero' minn Gunju 2015 'l quddiem jghid li ha post fl-Industrial estate, Qrendi u beda jopera minn hemm u juza l-garage ta' Hal Ghaxaq bhala store. Illi dan il-fatt hu korroborat minn dak li jghid l-pulizija PC 1331 Eman Hayman fl-affidavit tieghu meta ighid li sabha difficli hafna biex jinnotifika jew ikellem lill-appellant ghaliex kull meta mar ifittex lill-appellant fil-garage li gie identifikat lilu mill-kwerelant dan kien dejjem maghluq u kien biss ghaliex l-appellant mar l-ghassa wara li baghat ghalih u

[1] Deciza mill Qoeti Kriminali fit 28 ta' Mejju 1993

irnexxilu jitkellem meighu.

Illi pero' sabeix din l-akkuza tirrizulta li prosekuzzjoni trid tipprova mhux biss li l-appellant hadem bhala mastrudaxxa izda li hadem u opera bejn it-22 ta' Marzu, 2016 sa 13 ta' Awwissu, 2016 mill-garage ta' Triq Guzeppi Demicoli, Ghaxaq. Illi meta l-kwerelant xehed ikkonferma li l-appellant ma ghadux jopera minn dan il-garage u li kien ilu li telaq minn hemm. Meta mtilub jispjega meta ghamel dan ir-rapport jghid li ghamlu snin ilu izda ma jiftakarx meta.

Ghalhekk f'dawn ic-cirjostanzi il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova din l-akkuza.

Dwar it-tieni akkzua u dik li huwa ta' fastidju lill-kweralant fl-istess perijodu gja indikat jinghad li l-prosekuzzjoni trid tipprova a course of conduct li wassal lill-kwerelant jipprezenta rapport kontra l-appellant.

Illi sabiex jiffigura r-reat taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jrid ikun hemm imgieba b'tali mod li permezz taghha l-agent tar-reat jaghti fastidju lil persuna ohra, u li jaf jew mess kien jaf li b'dik l-imgieba qieghed jaghti fastidju lil persuna ohra (Art 251A(1). Dan l-artikolu fit-tieni subinciz tieghu jkompli jghid li *"..... persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra"*.

Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, l-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "the resonable man" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar"reasonable man" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J.

Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Il- Pulizija vs Massimo Tivisini**[2]" li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal- Kodici Kriminali.

Din il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :-

*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.*

Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjali fil-persuna koncernata u li ma ghandhom l-ebda skop legittimu. Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata[3] .

Fil-kaz in desamina jirrizutla li fil-vicinanzi ta' fejn joqhod l-appellant hemm mandra bi 30 jew 40 bhima u dwar dan ma jidhirx li l-kwerelant ghandu xi jgorr. Jghid li l-irwejjah tal-bhejjem ma idejquhx. Mistoqsi jekk hemmx xi mastrudaxxa fil-vicinanzi jghid (u hawnhekk kien pront biex iwiegeb) li hemm pero' qatt ma rah jisprejja u ghalhekk l-irwejjah li jxomm bilfors kienu gejjin mill-garage tal-appellant.

L-appellant jichad b'mod kategoriku li fiz-zmien indikat fil-komparixxi huwa isprejja f'dan il-garage anzi jghid li kien qed jissprejja mill-garage li ghandu l-Qrendi u ghahekk zgur li l-kwerelant ma kienx qed jigi disturbat bl-ghemil tal-appellant. Illi

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali 27 ta' Frar, 2009.
[3] Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez, Qorti ta' l-Appell Kriminali 21 ta' Gunju, 2007

dan l-esercizju irid ikun wiehed oggettiv u mhux soggettiv. Jirrizulta li fil-vicinanzi hemm divesi girien ohra u l-prosekuzzjni ma resqet lil hadd iktar sabiex jikkolobora dwar dak li irraporta l-kwerelant. Lanqas ma jirrizulta li l-pulizija innifisha marret taghmel spezzjoni ghand il-kwerelant biex tara jekk dak li kien qed jirraporta kellux mill-verita'.

Il-Qorti rat il-komportament tax-xhud li kien evasiv, indeciz, reluttanti biex jixhed u iwiegeb id-domandi tad-difiza. Waqt li l-appellant kien car u onest f'dak li qal u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dak li qal waqt li kien fil-pedana tax-xhieda. Il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-appellant ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk fid-dawl tas-suespost qieghda tiddikjara li qed tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti b'dan illi qed tiddikajra li ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur